# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 1980/2000 AJM

Kawza numru

Eros Trading Limited

Vs

Anthony sive Anton Zammit

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-26 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf erba' mija u wiehed liri maltin tmienja u ghoxrin centezimu (LM1,401.28) rappresentanti l-bilanc dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija; illi ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut il-konvenut ma hallas xejn; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur qed jippresenta ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-art. 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; talab li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1,401.28 liema ammont hu dovut kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru 5803/96 u tal-prorogi ta' l-istess mandat u tal-ittra bonarja datata 18 ta' April 2000 u tal-mandat ta' qbid nru 5802/96 kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2000 meta l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-8 ta' Novembru 2000 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-konvenut mhuwiexil-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.
2. Illi mhux minnu dak allegat mis-socjeta' attrici u cioe li l-eccipjent huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' LM1,401.28 izda somma ferm inqas u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni wara li l-konvenut naqas li jidher u li jtella provi.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici agixxit kontra l-konvenut personalment ghall-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu konsenjata, dan wara li fit-18 ta' April 2000 l-konvenut personalment kien gie interpellat jhallas l-ammont indikat fc-citazzjoni izda ghal ta' xejn.

Il-konvenut qed isostni li huwa mhux il-legittimu kontradittur izda dwar din l-eccezzjoni l-konvenut la xhed u lanqas ressaq provi. Anzi jigi rilevat li l-eccezzjonijiet tieghu ma humiex konfacjenti ma eccezzjoni simili billi l-konvenut qed jghid ukoll illi huwa se mai debitur ta' ammont anqas minn dak indikat fic-citazzjoni. Issa jew debitur jew mhuwiex – ma jistax jaghzel l-konvenut.

Dwar din l-eccezzjoni xhed biss Joseph Hammett rappresentant tas-socjeta' attrici li sostna li huwa fil-kapacita' ta' direttur u anke addett mill-bejgh tal-mercja tal-kumpanija attrici dejjem jaf lill-konvenut personalment u li ghalkemm fl-invoices tissemma socjeta' Zamma Ltd wara isem il-konvenut dan, spjega Hammett, kien biss parti mill-indirizz tal-konvenut li kien ipprovdilu l-karta tal-identita ghal fini tar-registrazzjoni fir-records tas-socjeta' attrici. Fl-ahharnett jigi rilevat li l-ircevuti kollha ezebiti huma f'isem l-konvenut personalment, fatt dan li

jindika li s-socjeta' attrici kienet qed tinnegozja mieghu fil-kapacita' tieghu personali.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri